

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja)
fit-12 ta' Mejju 2022 – E. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu**

(Kawża C-322/22)

(2022/C 359/24)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: E.

Appellat: Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu

Domanda preliminari

Il-prinċipji ta' effettività u ta' kooperazzjoni leali kif ukoll ta' ekwivalenza msemmija fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe prinċipju validu ieħor previst mid-dritt tal-Unjoni, jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-punti 1 u 2 tal-Artikolu 78(5) tal-ustawa z 29 sierpnia 1997 r. Ordynacja podatkowa (il-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1997 li tistabbilixxi l-Kodiċi tat-Taxxa) (test ikkonsolidat, Dz.U. 2021, pożizzjoni 749, kif emendata), li tipprevedi li l-interessi fuq taxxa eċċessiva mħallsa, miġbura mill-aġent li jħallas b'mod kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni, ma humiex dovuti lill-persuna taxxabbli wara li jiddekorru 30 jum mid-data ta' publikazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali, tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tikkonstata l-inkompatibbiltà tal-ġbir tat-taxxa mad-dritt [tal-Unjoni] fejn it-talba għall-konstatazzjoni ta' dan il-ħlas eċċessiv tressqet mill-persuna taxxabbli wara l-iskadenza ta' dan it-terminu u d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-ġbir tat-taxxa, minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' April 2014, C-190/12 (ECLI:EU:C:2014:249) xorta jibqgħu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo n° 17 de
Barcelona (Spanja) fis-17 ta' Mejju 2022 – KT vs Departamento de Justicia de la Generalitat de
Catalunya**

(Kawża C-331/22)

(2022/C 359/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo n° 17 de Barcelona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: KT

Konvenut: Departamento de Justicia de la Generalitat de Catalunya

Domandi preliminari

1. Il-Ley 20/2021 (il-Liġi 20/2021) tipprevedi bħala unika miżura ta' sanzjoni l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni kif ukoll kumpens esklużivament favur il-vittmi tal-abbuż li ma jgħaddux minn dawn il-kompetizzjonijiet. Din il-liġi tmur kontra l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP⁽¹⁾, għaliex hija ma tissanzjonax l-abbużi li sehew fir-rigward ta' impjegati temporanji tas-settur pubbliku li ma għaddewx minn dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, meta s-sanzjoni hija dejjem indispensabbli u meta l-fatt li persuna tgħaddi minn din il-kompetizzjoni ma jikkostitwixxi miżura ta' sanzjoni li tosserva r-rewiżiti tad-Direttiva, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fid-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2021, SUSH u CGT Sanidad de Madrid⁽²⁾?

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, u jekk il-Liġi 20/2021 ma tipprevedix miżuri effettivi oħra sabiex tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi jew l-estensjoni abbużiva ta' kuntratt temporanju, il-fatt li l-Liġi tonqos milli tipprevedi l-konverżjoni f'kuntratt għal żmien indeterminat ta' sensiela ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jew l-estensjoni abbużiva ta' kuntratt temporanju jmur kontra l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 1999/70, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fid-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru 2020, Câmara Municipal de Gondomar ⁽¹⁾?
3. It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) stabbilixxiet fis-sentenzi tagħha 1425/2018 u 1426/2018, tas-26 ta' Settembru 2018, il-ġurisprudenza, ikkonfermata permezz tas-sentenza tagħha 1534/2021 tal-20 ta' Diċembru 2021, li tgħid li l-miżura li għandha tiġi adottata f'sitwazzjoni ta' abbuż ta' kuntratti temporanji tista' tkun limitata għas-sempliċi fatt li l-impjegat tas-settur pubbliku vittma ta' abbuż fl-iskema ta' prekarjetà jinżamm fil-pożizzjoni tiegħu, sakemm l-amministrazzjoni li timpjegah tistabbilixxi jekk teżistix neċessità strutturali u sakemm hija torganizza l-proċeduri ta' selezzjoni korrispondenti – miftuħa għall-kandidati li ma kinux is-suġġett ta' dan l-abbuż ta' kuntratti temporanji – sabiex timla l-pożizzjoni b'uffiċjali tas-settur pubbliku permanenti jew ta' karriera. Din il-ġurisprudenza tmur kontra l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 1999/70 meta l-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni miftuħa u l-fatt li wieħed jgħaddi minn din il-kompetizzjoni ma hijiex miżura ta' sanzjoni li tosserva r-rekwiżiti tad-Direttiva, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fid-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2021, SUSH u CGT Sanidad de Madrid?
4. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti u jekk il-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ma tipprevedix miżuri effettivi oħra sabiex tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi jew l-estensjoni abbużiva ta' kuntratt temporanju, il-fatt li din il-ġurisprudenza ma tipprevedix il-konverżjoni f'kuntratt għal żmien indeterminat ta' sensiela ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jew l-estensjoni abbużiva ta' kuntratt temporanju jmur kontra l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 1999/70, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fid-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru 2020, Câmara Municipal de Gondomar (C-135/20)?
5. Jekk il-leġiżlazzjoni adottata sabiex tittrasponi l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 1999/70 tikser id-dritt Komunitarju billi ma tipprevedi l-ebda miżura ta' sanzjoni speċifika li tista' tiżgura l-osservanza tal-għanijiet ta' din in-norma Komunitarja u li ttejjem il-prekarjetà tal-impjegati tas-settur pubbliku,

ftali sitwazzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali għandhom jaċċettaw li jibdlu r-relazzjoni temporanja abbuża f'relazzjoni permanenti differenti minn dik ta' uffiċjal ta' karriera, iżda li tiżgura l-istabbiltà tal-impjeg lill-vittma tal-abbuż sabiex jiġi evitat li dan l-abbuż jibqa' mhuż issanzjonat u li jiġu ppreġudikati l-għanijiet tal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, anki jekk din il-konverżjoni ma hijiex prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, sakemm din ir-relazzjoni temporanja tkun għet ippreċeduta minn proċedura ta' selezzjoni permezz ta' kompetizzjoni pubblika u b'osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' mertu u ta' kapaċità?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

⁽²⁾ C-103/19, EU:C:2021:460.

⁽³⁾ C-135/20, EU:C:2020:760.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fl-24 ta' Mejju 2022 – Cofidis vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-340/22)

(2022/C 359/26)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Cofidis